MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 512/2011

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Omissis**

**Ruben Curmi**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Ruben Curmi iben Anthonmy u Anna xebba Camilleri imwieled fid-9 ta' Lulju 1970 f'Ħ'Attard u joqgħod 102 Triq Ninfa Calypso, Mellieħa ID 314170 (M)

(1) Akkużat talli bi ksur tal-artikolu 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 kif emendat fil-31 ta' Lulju 2010 għall-ħabta tad-09.35 am poġġa jew ippermetta li jitpoġġew deckcharis u umbrelel li ma kinux mikrija għall-pubbliku

barra l-istabbiliment Costa del Sol li jinsab l-Għadira limit ital-Mellieħa u barra mill-encroachment mogħti mid-dipartiment tal-artijiet, mingħajr ma kienet inħarġitlu liċenzja neċessarja tal-awtorita' kompetenti.

(2) U dan ukoll bi kusr tal-kondizzjonijiet tal-liċenzji msemmija hawn fuq artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 skont l-artikolu 23(1) tal-Avviż Legali 128 tal-2002.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija l-appellant ikun ikkundannat iħallas multa ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenza tat-30 ta' Novembru, 2011 fil-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissi u Ruben Curmi' li fiha l-Qorti tal-Maġistrati , wara li rat l-artikolu 43(1) u (2) tal-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 sabet lill-imputat (illum appellant) Ruben Curmi ħati tal-akkużi kif dedotti kontra u kkundannatau multa fis-somma ta' elf, mija u ħamsa u sittin Ewro (€1,165).

Rat li l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti

1. Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li l-akkuza qed taghmel riferenza ghal ksur tal-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 128 tas-sena 2002, kif emendat liema avviz jistipula illi :
*"Hadd ma jista` jqieghed imwejjed jew ghamara ohra barra xi stabilliment turistiku, jekk qabel ma jkunx inhargitlu licenzja ghal daqshekk mill-Awtorita`"*
Liema ksur ma jirrizultax li sehh u dan minhabba l-fatt illi l-esponenti dak inhar tal-inspezzjoni ma kienx il-licensee tal-beach concession.

2. It-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti filli mill-licenzja mahruga mill-Awtorita` tat-Turizmu ma jirrizultax li hemm xi limitazzjoni dwar l-oggetti mikrija in partikolari dwar fejn jistghu jew ma jistghux jigu impoggija l-istess oggetti hekk mikrija. Dan huwa ovju billi l-kerrej huwa

liberu li juza l-oggett hekk mikri b'mod u f'post a kompjaciment tieghu, entro dejjem l-uzu u l-bon sens.

3. It-tielet aggravju tal-appellant jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt li irriproduciet parti minn xhieda ma kienitx is-sustanza effettiva taghha u dan kif xehed Anthony Cutajar, Senior Executive mal-Malta Tourism Authority, l-esponent vera kellu d-deckchairs barra mill-encroachment, pero` ma kienux armati barra l-encroachment imma kienu stivati fuq xulxin. Dan ma jfissirx li dawn id-deckchairs kienu se jigu armati barra l-encroachment moghti mid-Dipartiment tal-Artijiet, tali tifsira hija wahda gratwita u mhix accettabli fil-kamp kriminali.

4. Ir-raba` aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma gharfitx id-differenzi ta' licenzji involuti f'dan l-operat kummercjali u b'dan li filwaqt li hemm licenzja tal-MTA fuq il-Costa Del Sol sabiex isir kiri ta' umbrellel u deckchairs, l-istess licenzja ma hiex limitata fejn dawn ghandhom jigu pjazzati mil-kerrej effettiv. Illi fl-istess waqt l-istess socjeta` ghandha beach concession fejn hija awtorizzata tpoggi minn qabel ma jinkrew, deckchairs u umbrellel.

5. Il-hames aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx evalwazzjoni korretta tad-dicitura tal-ligi, kif ukoll kif din hija rapportata fl-akkuza, fejn l-akkuza hija li tpoggew deckchairs u umbrellel li ma kienux mikrija, allura dak li l-ligi trid li jigi evitat huwa effettivament li jsehh armar ta' umbrellel u deckchairs barra minn beach concession qabel ma dawn effettivament jigu hekk mikrija. Fil-mankanza ta' prova effettiva li dawk id-deckchairs u umbrellel ma kienux mikrija, l-Qorti ma tistax issib htija kif filfatt ghamlet.

6. Is-sitt aggravju jikkonsisti, u dan bla pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, li kif gie effettivament ikkonfermat mill-imputat, huwa ilu jahdem f'dan il-beach concession is-snin, (billi din hija azjenda tal-familja) u dejjem inghata struzzjonijiet mir-rapprezentant tal-MTA, li hemm zewg istanzi meta jista` jpoggi l-umbrellel barra l-

beach concession u cioe` (i) meta l-istess beach concession tkun mimlija, u (ii) meta l-klijent ikun irid ipoggi l-umbrella u d-deckchairs minnu mikrija f'post iehor. Issa jekk id-dipartiment tal-MTA qieghed jaghti dawn il-pariri mod kif fuq indikat u in segwitu jaghmel dawn ic-citazzjonijiet allura l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest li persuna f'Awtorita` qeghda effettivament tinducieh li jikkommetti reat. F'dawn ic-cirkostanzi l-involviment tal-Awtorita` jikkancella r-reata kommessa, jekk effettivament sehh reat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Sottomissjoni dwar in-Nullita' tas-sentenza

Matul it-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li s-sentenza hija nulla minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx semmiet l-artikolu (ir-regolament) 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002.

Il-Qorti tieħu konjizzjoni biss tal-aggravji li jkunu fir-rikors. Iżda f'każ bħal dan, il-Qorti xorta tista' tqajjem in-nullita' tas-sentenza 'ex ufficio'.. Il-Qorti fliet kemm il-komparixxi li fuqu tidher mitkuba s-sentenza bl-idejn u s-sentenza dattilografata u dan ir-regolament , u ma jidhirx li kien inkluż. L-ewwel imputazzjoni li tagħha nstab ħati l-appellant hija msejsa fuq dan ir-regolament. Għalhekk, la nstab ksur ta' dan ir-regolament, dan kellu jissemma.

Għaldaqstant il-Qorti qed tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Novembru 2011.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kap 9, issa ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu.

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid u rat id-dokumenti kollha.

**Provi mid-dokumenti**

Mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta li l-liċenzja tal-Costa del Sol Restaurant għaddiet minn Anthony Curmi għal Ruben Curmi b'effett mit-2 ta' Novembru 2011. **Għalhekk fi żmien meta saret l-ispezzjoni, jiġifieri fil-31 ta' Lulju, 2010, l-appellant ma kellux il-liċenzja ssejjaħ lilu tal-post fejn saret l-ispezzjoni.**

Rat ir-ritratti a fol 22 st seq.

Rat il-pjanta a fol 21.

Rat il-kuntratt ta' ċens bejn id-Dipartiment tal-artijiet u l-konjuġi Anthony Curmi u Anna Curmi li sar fis-27 ta' Settembru, 2006. Skont l-artikolu 4:

'The emphyteuta shall use **the emphyteutical site** exclusively as a beach establishment and may include bar/restaurant facitilities, the hiring of beach equipment and the hiring of water sports equipment.'

Skont l-artikolu 6:

'The emphyteuta shall not encroach on any adjacent land outside that shown bordered in red on said Plan P.D. 54 2003.

U skont l-artikolu 7:

'The emphyteuta shall maintain and keep clean the areas shown edged in blue on the said Plan P.D. 54 2003 without obstructing public use and access.'

Min-naħa l-oħra skont il-liċenzja a fol 7, il-licensee jrid jimxi ma' dan li ġej:

''Licensed to keep a bathing establishment equipped with changing cabins, showers, umbrellas, (with tables and chairs), deck chairs, and other bathing equipment **on the beach concession** styled as Costa del Sol Għadira and hire such equipment to the public.'

**Xhieda Okulari**

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid .

Xehed il-PL Quentin Tanti li qal li fil-liċenzja ma jkunx hemm miktub l-isquare metres li jista' jokkupa bħala encroachment. Din hija informazzjoni li jista' jagħti r-rappreżżentant tal-Lands' Department li jkollu mappa wkoll.

Xehed ukoll Frank Mizzi li qal li l-appellant għandu encroachment (31 x 12) li fih jista' jpoġġi l-beach furniture.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien ikollhom xi inkwiet żgħir mal-appellant (fol 47). Kienu jagħmulhom barra l-area iżda meta kienu jkellmuhom kienu jobduhom. Is-sidien l-ewwel kellhom jimlew l-encroachment. . Meta kien muri xi ritratti, huwa qal li d-deckchairs u s-sunbeds qegħdin ġol-encroachment. Dawk li huma mal-ġenb jista' jkun li qegħdin barra l-encroachment. Fuq dawn il-każi kienu jkellmu lis-sidien biex ineħħuhom.

Xehed Anthony Cutajar, Quality Assurance Executive mal-Awtorita' tat-Turiżmu. Dan ħa r-ritratti esibiti u għaraf il-post bħala Costa Del Sol. Huwa xehed li qabel ma saret l-ispezzjoni, l-uffiċjali keinu kellmu lis-sidien u spjegawlhom l-obbligi tagħhom dwar il-beach concessions. Fl-ispezzjoni x-xhud kien preżenti mal-kollega tiegħu Nicolai Zammit. Fid-9.30am spiċċaw ħdejn il-Costa del Sol. Huma kienu kejlu l-encroachment u sabu li dan kellu 83 metru kwadru aktar milli suppost. U ma għoddewx fejn kien hemm il-karretta bis-sunbeds 'il bogħod mill-encroachment. Fir-ritratti jidhru d-deckchairs stekkjati barra mill-encroachment. Dan kien qed iċaħħad ċittadini oħra milli jkollhom post fejn setgħu iġibu l-umbrelel tagħhom. L-iskop tal-ispezzjoni kien li kulħadd jobdi l-encroachment. Id-deckchairs ma jistgħux ikunu fuq ir-ramel u barra mill-encroachment għax dawn iridu jkunu fil-garage tiegħu għax huwa hemmhekk illiċenzjat iżommhom. L-art hija pubblika. L-appellant kien **qal li dak in-nhar huwa kien responsabbli**. Kull stacking irid isir ġewwa l-encroachment area.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li huma kienu qed imorru kull jum u kienu jafu eżatt fejn kienet l-encroachment area. Id-deckchairs irid iżommhom fil-garage li għandu. Fir-ritratti jidhru deckchairs stekkjati barra mill-encraochment. Barra mill-encroachment kien hemm deckchairs lesti biex il-klijent ipoġġi u kien hemm ukoll deckchairs stekkjati. Kien hemm 83 metru kwadru okkupat li mhux suppost. Qatt ma kien hemm xi struzzjonijiet lill-istakeholders biex jiksru l-Liġi. Huwa rriafferma li dak in-nhar l-appellant kien il-bniedem responsabbli.

**Punti ta' Liġi**

**A. Ir-regolamenti 15(1) u 23 tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002. (Dwar l-Ewwel Imputazzjoni.**

15. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull regolamenti oħra applikabbli, ħadd ma' għandu jqiegħed imwejjed jew għamara oħra fuq barra xi stabbiliment turistiku, jekk qabel ma tkunx inħarġitlu liċenza għal daqshekk mill-Awtorità:

Iżda l-ksur ta' xi kondizzjoni ta' liċenza li għandha x'taqsam mat-tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet jew affarijiet oħra jew partijiet minnhom minn detentur ta' liċenza **jew minn xi persuna oħra jew minn xi aġenti li jaġixxu bl-awtorità tad-detentur f 'xi spazju msemmi ,** għandu wkoll , għall - finijiet ta' dawn ir- regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-kliem "spazju msemmi" għandhom ifissru area ta' art li tkun tidher hekk immarkata u li l-Kummissarju ta' l-Art jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'encroachment terms, kif indikata mill-Kummissarju ta' l-Art, għall-iskop tat-tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu magħhom fi spazji pubbliċi.

23. (1) It-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies li jkun kondizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenza biex tiġi operata xi attività turistika, irrispettivament jekk issirx riferenza għal dawn ir-regolamenti fil-liċenza nnifisha.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat, u tista' teħel il-multi u l-penalitajiet murija fl-artikoli 43 u 45 ta l-Att.

(3) Kull persuna li tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għal kull ksur.

B. **Kap 409 43 (1)(b) tal-Liġijiet ta' Malta (Dwar it-tieni imputazzjoni)**

(*b*) meta jkollu liċenza, jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza;

Il-piena hija minimu ta' €1164.69 u l-massimu €11,646.87

**L-ewwel aggravju**

L-appellant jissottometti li minħabba li l-appellant ma kienx il-licensee, allura l-imputazzjoni dwar l-artikolu 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 ma seħħitx.

Fil-fehma tal-Qorti, waqt li tassew li l-liċenzja kien tgħajjat lil ħadd ieħor, jirriżulta mix-xhieda li l-appellant stess kien qalilhom li huwa l-'bniedem responsabbli' fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Ir-regolament 15(1) ma japplikax biss għal-licensee iżda japplika għal kulħadd għaliex ir-regolament jgħid 'Ħadd'. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant. Barra minnhekk kienet diġa' teżisti liċenzja bil-kundizzjonijiet tagħha fosthom li l-imwejjed jitpoġġew fil-beach concession u l-appellant, kien mhux biss, fi kliem ir-regolament dik il- **persuna oħra jew xi**

**aġent li jaġixxu bl-awtorità tad-detentur f ’xi spazju msemmi, talli, kif diġa’ ntqal assuma r-responsabilita’. U diġa’ kellu twissijiet minn qabel mill-uffiċjali tad-dipartiment dwar kif kien qed imur oltre l-limiti tal-beach concession.**

It-tieni aggravju.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant minħabba li fil-kondizzjonijiet tal-liċenzja hemm miktub li l-għamara tax-xatt tista’ titpoġġa ‘on the beach concession.’. Din hija kondizzjoni ċara (ara fol 7 tlitt ivrus mill-aħħar). Mir-ritratti jirriżulta kemm li fil-beach concession kein hemm għadd ta’ deckcharis vojta kif ukoll jidhru deckchairs stekkjati barra mill-beach concession. Barra minn dan, mix-xhieda ta’ Anthony Cutajar jirriżulta li l-beach concession kien fiha 83 metru kwadru aktar mingħajr ma kienet ittieħdet in konsiderazzjoni l-parti fejn kienu stekkjati d-deckchairs. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.

It-tielet aggravju

L-appellant jissottometti li l-ppellant veru kellu d-deckchairs barra mill-encraochment iżda dawn ma kinux armati iżda stivati fuq xulxin.

Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni hawnhekk mhix sempliċiment jekk id-deckchairs kinux stekkjati jew armati iżda jekk l-art okkupata bil-beach furniture tal-appellant kinitx akbar minn dik mogħtija fil-‘beach concession.’ Il-Qorti ssib li tali prova saret u għalhekk qed tiċħad it-tielet aggravju.

Ir-raba’ aggravju.

L-appellant jissottometti li l-liċenzja ma tindikax fejn għandu jkun ippjazzat il-beach equipment. Il-Qorti tirreferi għall-kundizzjoni mniżżla fil-Liċenzja tal-MTA (ara t-tieni aggravju aktar ‘il fuq). La l-liċenzja tindikalek fejn, isegwi li ma tistax tokkupa art aktar milli jmissek u lanqas tistekkja

deckchairs barra l-beach concession. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju.

Il-ħames aggravju

Barra li r-ritrati jitkellmu waħidhom għax jidhru għadd ta' deckchairs vojta għal kollox, jidhru wkoll deckchairs stekkjati barra l-limiti tal-beach concession. Dawn żgur ma kinux mikrija għax min jikri deckchair, jeħodha biex jistrieħ fuqha u mhux iħalliha stekkjata fuq l-oħrajn. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad il-ħames aggravju.

Is-sitt aggravju

Ma teżisti ebda prova fil-proċess li xi ħadd qal lill-istakeholders biex jiksru l-Liġi. Skont ix-xhud ewlieni l-appellant okkupa aktar minn dak li kien konċess lilu. Barra minn hekk, dan mhux każ ta' klijent li ried ipoġġi l-umbrella fejn irid u lanqas m'hu każ fejn il-beach concession kienet mimlija. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha u wara li rat ir-regolamenti 15(1) u 23(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002, l-artikoli 43(1)(b) u (2) tal-Kap 409, qed issib lill-appellant ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih (kemm tal-ksur tar-regolament imsemmi kif ukoll tal-artikolu 43 tal-Kap 409 u, wara li applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, li bih qieset l-ewwel imputazzjoni bħala assorbita fit-tieni waħda, qed tikkundannah iħallas multa ta' €1165.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------